FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D Adv. Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta Ta' nhar il-Hamis 27 ta' Settembru, 2001**

**Numru 9**

**Avviz. Numru 431/01 JR**

**Aluserv Ltd**

**vs**

**Edwin Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz l-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gulju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' (Lm180.00) mija u tmenin lira maltija, bilanc rapprezentanti xoghol ta' aperturi ta' aluminium fir-residenza tal-konvenut liema bilanc ghadu dovut u ma thallasx minnkejja diversi interpellanzi.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 ta' Awissu, 2001 fejn intqal li preliminjarjament it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li x-xoghol minnha effetwat ma sarx skond is-sengha u l-arti inkluz il-fatt illi (certi partijiet qed jinzamm l-ilma u ma'ghandux minn fejn jinzel u f'ohrajn qieghed iqattar l-ilma minnhom, ghalkemm debitament interpellata diversi drabi sabiex taghmel ix-xogholijiet rimedjali, din baqghed ma ghamlet xejn.**

**Illi minghajr pregudizzju ghall-permess, l-partijiet kienu qablu illi l-valur tax-xogholijiet u materjal kien jammonta ghal mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00).**

**Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Settembru 2001, fejn il-kawza kienet giet differita ghall-provi u li fin-nuqqas jigi applikat l-artikolu 13 (a) ta' L-Atti ta' l-1995.**

**Ra li fis-seduta tal-lum l-attur rega' ma deherx.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, wara li ra l-Aritkolu 13 (a) ta' l-Att ta' l-1995, in vista tal-fatt li l-attur baqa' ma deherx, jirrigetta l-kawza bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**